MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 1010/1997/1

Rikors Numru: 1010/97

Ivan Pisani
vs
Enemalta Corporation

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1994 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi huwa kien jahdem ma' l-Enemalta u bhalissa qieghed jokkupa l-kariga ta' Recorder li bir-riforma sar Senior Recorder. Huwa hass li gie maqbuz ingustament peress

nies li ghandhom esperjenza u kwalifiki anqas minnu nghataw promozzjoni filwaqt li hu ma naghtax il-promozzjoni li hass li haqqu bi dritt.

Illi huwa kien beda jahdem ma' l-EneMalta f'Novembru 1981 bhala E.S.T.S. (Mechanical Fitter) u bil-mod il-mod bena karriera mal-Korporazzjoni permezz ta' diversi ezamijiet/intervisti. Fl-1987, meta telghu n-Nazzjonalisti fil-Gvern huwa kien jokkupa l-kariga ta' Recorder. Li kieku ma saritx ir-riorganizzazzjoni kieku ghadu jokkupa din il-kariga sal-gurnata tal-lum. Fl-1994 kienu hargu l-applikazzjonijiet ghal postijiet ta' Works Overseer mal-Korporazzjoni.

Peress li r-rikorrent kellu l-kwalifiki kollha rikjesti fic-cirkolari tas-sejha huwa kien applika ghal dan il-post u kien gie msejjah ghall-intervista. Kien hemm bzonn ta' sitta fil-post ta' Works Overseer izda fil-fatt lahqu tmienja. Stranament ir-rikorrent kien gie d-disa' wiehed u ghaldaqstant ma giex promoss.

Huwa hass li kellu l-kwalifiki kollha rikjesti fis-sejha ghall-applikazzjoni tal-promozzjoni, biex bhal ohrajn li kellhom esperjenza u kwalifiki anqas minnu, jinghata l-promozzjoni li kien applika ghaliha. Huwa dejjem kien qeda dmiru tajjeb u ta l-ahjar servizz lill-Korporazzjoni f'kull kariga li kien jokkupa. Dan jistghu jixhduh is-superjuri kollha li hadem maghhom fid-diversi sezzjonijiet mill-1981 sal-gurnata tal-lum.

Huwa hass li kif saru l-affarijiet jidher car li hu kien gie maqbuz u ghalhekk talab li ssir gustizzja mieghu ghax fl-opinjoni tieghu huwa kien sofra din l-ingustizzja minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-

Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni ta’ Works Overseer bis-sehh minn Gunju 1994, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn LM5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:

Illi r-rikorrent ghall-habta ta’ 1994 kien applika ghal mili ta’ post ta’ Works Overseer.

Illi ghas-sejha li saret fl-1994 kien hemm hdax-il applikant, fosthom ir-rikorrent, u li wara li saret l-intervista mill-Bord ta’ l-Ghazla mwaqqaf mill-Korporazzjoni, ir-rikorrent ma kkwalifikax ghall-post ta’ Chargehand (Aviation) skond l-Ordni tal-Mertu kif ippublikat mill-Bord ta’ l-Ghazla fl-10 ta’ Mejju 1994.
Illi l-Bord ta’ l-Ghazla mexa skond kif stipulat f’Appendici C tal-Ftehim Kollettiv bejn il-Korporazzjoni EneMalta u l-General Workers Union.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat u d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi l-ilment tar-rikorrent huwa riferibbli ghal fatt illi hu kien jokkupa l-kariga ta’ Senior Recorder.  Fl-1994 hargu l-applikazzjonijiet ghal post ta’ Works Overseer u minn dan l-ezami fil-fatt kienu saru 65 applikazzjoni ghalih li minnhom kienu eligibbli 54 kandidat.  Tnejn irtiraw l-

applikazzjoni, 39 persuna gew mghajjta ghall-interview u 13 minnhom ma marrux, u li fil-fatt ir-rikorrent spicca fid-9 posizzjoni bi 58 marka. It-tmien kandidati l-ohra ta' qablu, kollha hadu l-promozzjoni u ghalhekk ir-rikorrent ma hax il-promozzjoni ghal marka wahda meta wiehed iqis illi dak li gie fit-8 posizzjoni kellu 59 marka u dana kif jidher a fol 5 tal-process. Il-marki li gab ir-rikorrent kienu: 12 minn 20 ghal kwalifiki, 18 minn 30 ghal esperjenza fix-xoghol, 20 minn 40 ghal aptitude suitability u 8 minn 10 ghal personalita`. B'total ta' 58 marka. Fil-fatt kienu 11 illi gabu l-pass mark ghax it-28 l-ohra ma kienux 'considered suitable'.

Mill-affidavit tar-rikorrent jirrizulta li fil-fatt l-EneMalta kienet riedet 6 persuni biex jimlew il-post ta' Works Overseer u fil-fatt dahlu 8. Dan ghaliex iz-zewg persuni li kienu diga` qed jaghmlu dan ix-xoghol, kienu sejrin jigu mcaqalqin ghal xoghol iehor. Sostna li hu infatti kellu l-kwalifiki kollha kif ukoll dejjem ta l-ahjar servizz. Semma li tnejn minn dawk li gew maghzula kienu semplicement drivers u ma kellhom ebda esperjenza tax-xoghol, mentri hu kellu esperjenza bhala E.S.T.S. trainee ma' l-Enemalta fil-mechanical workshop u kien serva bhala Steam Plant Operator ta' apparat li jiswa miljuni ta' liri kif ukoll bhala Recorder.

Minn ezami tad-Dokument a fol 6 tal-process li hija l-mod kif gew divizi l-marki jidher, li fil-fatt bhala work expierence, ir-rikorrent inghata 18 waqt li t-8 ta' qablu jvarjaw bejn marki 28 ghal 24, u gew moghtija inqas minnu biss it-2 l-ohra illi ma gewx moghtija l-hatra ukoll.

Semma li hu ferm aktar kwalifikat ghal dan il-post miz-zewg drivers li gew maghzula li jisimhom Emanuel Farrugia u Camilleri Saviour. Fil-fatt gew moghtija marki bhala esperjenza aktar mir-rikorrent ghax bhala work expierence dawn gew moghtija Farrugia 28 marka u Camilleri 20 marka.

Semma li bhala kwalifiki hu kellu aktar mill-kandidati l-ohrajn. Hu kien ghamel il-kors ta' mechanical fitter mal-kumpanija fl-iskema ta' l-Extended Skill Training Scheme

fejn kiseb il-Journeyman's certificate li bhalu hadd ma kellu din il-kwalifika. Minn dawk li ntghazlu kien hemm ukoll nies b'anqas seniority minnu. Dawn kienu Emanuel Farrugia, Nicholas Mifsud, Charles Cremona, Farrugia Joseph, Saviour Camilleri u Carmel Bugeja. Bhala Recorder hu kellu responsabbilta` ta’ numru konsiderevoli ta’ haddiema. Semma li kawza ta’ din l-ingustizzja hu tilef salarju u seniority u seta’ japplika ghal gradi anke akbar li kieku kien intghazel.

Xehed li Saviour Camilleri u Emanuel Farrugia kienu maghrufin sewwa man-naha l-ohra ghax hu attivist laburista u huma bil-maqlub. Ghalkemm semma li Charles Cremona, Joseph Farrugia u Carmelo Bugeja sa fejn jaf hu jhaddnu l-istess kulur politiku tieghu u lahqu fl-istess promozzjoni, pero` sostna li taghmel differenza anke l-livell ta’ attivita` li bniedem ikun qieghed jaghmel go partit politiku. Dwar Emanuel Farrugia semma li m’ilux mill-1992 jaghmel dak ix-xoghol, hu kien xufier taghhom izda mhux jaghmel dak ix-xoghol.

Xehed <u>Joseph Mangion</u> Principal mal-Korporazzjoni Enemalta li semma li ghall-post li applika ghalih ir-rikorrent ghal Works Overseer, 11 kienu ghaddew mis-67 li originarjament kienu applikaw, izda gew appuntati 8. Ir-rikorrent gie d-9 wiehed.

Hu esebixxa Dokument “JM” li jinsab a fol 40 tal-process, li minnu jirrizulta li l-ewwel 9 li gew klassifikati fl-applikazzjoni msemmija bis-sena ta’ meta effettivament dahlu u f’liema grad. Jirrizulta li Ivan Pisani kien dahal fl-1984 waqt illi l-applikanti l-ohra, hlief ghal Tony Gellel u Charles Cremona, kollha dahlu warajh. Fl-istess dokument dwar scale hemm l-iskala ta’ meta dahlu ma’ l-EneMalta. Semma li biex tkun works Overseer trid tkun bil-fors ta’ certu standard ta’ edukazzjoni ossija ta’ “O” Level standard. Mhux necessarjament ghandu l-“O” Levels. Irrizulta illi fil-fatt l-iskala ta’ qabel l-appointment kien Pisani li kien l-aktar avvanzat fi skala 16 filwaqt li l-ohrajn kienu fi skala 17, 18 u 20.

**KONKLUZJONIJIET:**

It-Tribunal jibda biex jaghmel riferenza ghall-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru 1998 fejn qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna/persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Issa minn dak li gie msemmi hawn fuq jidher car illi bhala seniority r-rikorrent kien wiehed mill-aktar avvanzati. Inoltre gie ppruvat ukoll fil-kors tal-kawza illi bhala skala huwa kien superjuri ghal diversi minn dawk li effettivament hadu l-hatra. Irrizulta li r-rikorrent kien ghamel kors ta' tlett snin fil-mechanical engineering li minnu ha c-certifikat ta' General Fitter mill-iskola tas-snajja u certifikat ta' Journeyman mit-Technical Institute. Kellu standard of education superjuri ghal hafna minn dawk li effettivament hadu l-promozzjoni u nfatti ghalkemm hu irrizulta li mar Technical Institute xi whud mill-ohrajn ma kienux marru. Irrizulta wkoll li Nicholas Mifsud u Tony Gellel marru biss skola Primarja u xorta wahda nghataw aktar marki mir-rikorrent. L-istess jista' jinghad dwar Works Expierence fejn irrizulta li r-rikorrent kellu esperjenza vasta ta' xoghol ghal medda ta' 10 snin mal-Korporazzjoni intimata. Xorta wahda huwa nghata marki anqas. Irrizulta wkoll li b'mod suggettiv inghata marka wahda biss anqas jew zewg marki u dana minhabba li d-dokumenti tas-socjeta` intimata a fol 5 u 6 tal-process l-anqas jaqblu ghax a fol 5 jirrizulta li ta' qablu Bugeja gab 59 u r-rikorrent 58, waqt illi d-dokument a fol 6 tal-process jghid li Bugeja gab 60 u r-rikorrent gab 58.

Illi wara li ezamina dawn l-aspetti kollha, specjalment l-element ta’ seniority kif ukoll dwar dak ta’ l-esperjenza, irrizulta manifestament illi kellu esperjenza aktar ir-rikorrent kif ukoll illi fil-fatt kwalifiki kellu aktar ir-rikorrent. Dan jirrizulta kaz manifest fejn saret ingustizzja mar-rikorrent fl-ghoti ta’ din il-kariga.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni intimata u peress illi t-talba tar-rikorrent hija gustifikata, it-Tribunal jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kumpensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Works Overseer mill-istess data li fiha nghataw il-persuni l-ohra f’posizzjoni 1 sa 8 li hadu din il-promozzjoni u li jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra kawza tan-nuqqas ta’ promozzjoni.

Spejjez kontra l-Korporazzjoni intimata.